



L-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Monetarja Europea għandhom parti kbira mir-responsabilità li jstabilixxu l-politika monetarja Europea, ir-regoli dwar il-ħruġ tal-euro u l-istabilità tal-prezzijiet fl-UE. Dawn l-istituzzjonijiet huma: il-BĊE, is-SEBĊ, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Grupp tal-Euro, u l-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN).

IL-BAŻI LEGALI

- L-Artikoli 119-144, 219, 282-284 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- il-Protokoll annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: il-Protokoll (Nru 4) dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Protokoll (Nru 14) tal-Grupp tal-Euro

L-OBJETTIVI

L-objettivi prinċipali ([2.6.1](#)) tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) huma:

- it-tlestija b'mod definittiv tas-suq intern permezz tal-eliminazzjoni ta' fluttwazzjonijiet fir-rati tal-kambju u t-tneħħija tal-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet fil-każ ta' kambju, kif ukoll tal-ispejjeż tal-hedging kontra riskji ta' fluttwazzjonijiet monetarji;
- il-garanzija tal-komparabilità tal-ispejjeż u tal-prezzijiet fl-Unjoni, li tgħin lill-konsumaturi, tistimola l-kummerċ fl-Unjoni u tiffaċilita n-negozju;
- it-tiżiħ tal-istabilità monetarja u tas-saħħa finanzjarja Europea, billi:
 - titneħħa kull possibilità ta' spekulazzjoni, min-natura tagħha, bejn il-valuti tal-Unjoni;
 - permezz tad-dimensjoni ekonomika tal-unjoni monetarja hekk stabbilita, tiġi żgurata ċerta immunità tal-valuta l-ġdida fil-konfront tal-ispekulazzjoni internazzjonali;
 - isir possibbli li l-euro ssir valuta ta' riżerva u ta' ħlas ewlenija.



IL-KISBIET

A. L-istituzzjonijiet tal-ewwel stadju tal-UEM (bejn l-1 ta' Lulju 1990 u l-31 ta' Diċembru 1993)

Ma ġew stabbiliti l-ebda istituzzjonijiet monetarji matul l-ewwel stadju tal-UEM.

B. L-istituzzjonijiet tat-tieni stadju tal-UEM (bejn l-1 ta' Jannar 1994 u l-31 ta' Diċembru 1998)

1. L-Istitut Monetarju Europew (IME)

L-IME ġie stabbilit fil-bidu tat-tieni stadju tal-UEM (skont l-Artikolu 117 tat-Trattat tal-KE) u kien fdat bix-xogħol tal-Kumitat tal-Gvernaturi u tal-Fond Europew ta' Kooperazzjoni Monetarja (EMCF). Ma kellu l-ebda poter li jintervjeni rigward it-tmexxija tal-politika monetarja, li baqgħet prerogattiva tal-awtoritajiet nazzjonali. Fost il-kompiti prinċipali tiegħu għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-UEM kien hemm it-tisħiħ kemm tal-kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali nazzjonali kif ukoll tal-koordinament tal-politiki monetarji tal-Istati Membri bl-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-prezzijiet. Skont l-Artikolu 123(2) tat-Trattat tal-KE, l-IME ġie xolt wara li twaqqaf il-BĊE (fl-1 ta' Ġunju 1998), li kien witta t-triq għalih.

2. Il-Kumitat Monetarju

Dan kien jikkonsisti minn membri maħtura f'għadd ugwali mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-Kumitat, li twaqqaf biex jipromwovi l-koordinament tal-politiki tal-Istati Membri sal-livell neċessarju għall-funzjonament tas-suq intern (l-Artikolu 114 tat-Trattat tal-KE), kellu rwol konsultattiv. Dan ġie xolt fil-bidu tat-tielet stadju u ġie sostitwit mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (l-Artikolu 134 tat-TFUE).

C. L-istituzzjonijiet tat-tielet stadju (mill-1 ta' Jannar 1999 'il quddiem)

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ([1.3.11](#))

a. L-organizzazzjoni

Il-BĊE, li huwa bbażat fi Frankfurt-am-Main, twaqqaf fl-1 ta' Ġunju 1998. Huwa mmexxi minn żewġ korpi li huma indipendenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali (jiġifieri mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u mill-Bord Eżekuttiv) u - f'ċerti funzjonijiet – mill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE (li fih innifsu mhuwiex korp deċiżjonali tas-SEBĊ). It-Trattat ta' Lisbona ma daħħalx il-BĊE bħala istituzzjoni tal-UE (l-Artikolu 13(1) tat-TUE, l-Artikoli 282-284 tat-TFUE); preċedentement, ma kellu l-ebda status skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KE, għad li b'dana kollu xorta waħda kellu personalità ġuridika.

i. Il-Kunsill Governattiv

Il-Kunsill Governattiv jikkonsisti mill-membri tal-Bord Eżekuttiv u mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-pajjiżi li adottaw l-euro (l-Artikolu 283 tat-TFUE u l-Artikolu 10(1) tal-Istatut). Bħala l-ogħla korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet, hu jadotta l-linji gwida u jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji biex jiġi żgurat li jitwettqu l-kompiti fdati lis-SEBĊ, jifformula l-politika monetarja tal-Unjoni (inklużi, kif xieraq, id-deċiżjonijiet relatati mal-oġettivi intermedjarji tal-politika monetarja, ir-rati ewlenin ta' mgħax u l-provvista ta'



riżervi fis-SEBĊ), u jistabbilixxi l-linji gwida neċessarji għall-implimentazzjoni tagħhom (l-Artikolu 12 tal-Istatut). It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi li l-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jintgħażlu u jinħatru bi qbil komuni minn maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill Europew (l-Artikolu 283 tat-TFUE).

ii. Il-Bord Eżekuttiv

Magħmul mill-President, mill-Viċi President u minn erba' membri oħra li jinħatru bi qbil unanimu tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, għal perjodu ta' tmien snin li ma jistax jiġġedded (l-Artikolu 283 tat-TFUE). Huwa fdat bl-implimentazzjoni tal-politika monetarja, u waqt li jagħmel dan jagħti l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-banek ċentrali nazzjonali. Barra minn hekk, huwa responsabbli għat-tnejjja tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv u għat-tmexxija tal-attivitajiet attwali tal-BĊE (l-Artikoli 11 u 12 tal-Istatut).

iii. Il-Kunsill Ġenerali

Il-Kunsill Ġenerali (l-Artikolu 44 tal-Istatut) jikkonsisti mill-President u l-Viċi-President tal-BĊE, kif ukoll mill-Gvernaturi tal-banek ċentrali tal-Istati Membri kollha tal-UE, indipendentament mill-fatt jekk daħħlux l-euro jew le. Huwa jipparteċipa fil-ġabra ta' data statistika, jikkoordina l-politika monetarja tal-Istati Membri li ma daħħlux l-euro u jissorvelja l-funzjonament tal-mekkaniżmu Ewropew tar-rati tal-kambju.

b. Ir-rwol

Għalkemm il-BĊE kif ukoll il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu karti tal-flus fiż-żona euro, huwa biss il-BĊE li jista' jawtorizza l-ħruġ tagħhom b'mod effettiv. L-Istati Membri jistgħu joħorġu muniti, iżda l-volum tal-ħruġ għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE (l-Artikolu 128 tat-TFUE). Il-BĊE jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex is-SEBĊ ikun jista' jwettaq il-kompiti mogħtija lillu skont l-Istatut tiegħu u permezz tat-trattat (l-Artikolu 132 tat-TFUE). Bl-għajnuna tal-banek ċentrali nazzjonali, il-BĊE jiġbor id-data statistika neċessarja mingħand l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jew direttament mingħand l-entitajiet ekonomiċi (l-Artikolu 5 tal-Istatut). Huwa jiġi kkonsultat rigward kull att tal-Unjoni li jaqa' fl-ambitu tal-kompetenzi tiegħu, u fuq talba tal-awtoritajiet nazzjonali, rigward kwalunkwe abbozz ta' dispożizzjoni leġiżlattiva (l-Artikolu 127 tat-TFUE). Huwa responsabbli għat-treġija mingħajr intoppi tas-sistema ta' trasferiment fil-pront awtomatizzata trans-Ewropew għall-pagament gross f'ħin reali (TARGET2); sistema ta' pagament tal-euro li torbot is-sistemi nazzjonali ta' pagament u l-mekkaniżmu ta' pagament tal-BĊE. Il-BĊE jagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-integrazzjoni fis-SEBĊ tal-banek ċentrali tal-Istati Membri li jagħmlu parti miż-żona tal-euro.

Il-BĊE jista' jwettaq xogħlijiet speċifiċi dwar il-politiki relatati mas-superviżjoni ta' istituti tal-kreditu u istituti finanzjarji oħra (l-Artikolu 127(6) u l-Artikolu 25.2 tal-Istatut). Il-BĊE ġie mogħti kompiti addizzjonali skont il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) dwar sorveljanza diretta "sinifikanti" tal-banek fiż-żona tal-euro u fi Stati Membri parteċipanti oħra. L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri jkomplu jissorveljaw banek inqas sinifikanti f'kooperazzjoni mal-BĊE; il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri tal-awtoritajiet ta' sorveljanza fl-Unjoni hija żgurata minn tliet Aġenziji Ewropej ta' Superviżjoni (ESAs): l-Aġenzija Bankarja Ewropea (EBA), l-Aġenzija Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA). Din



is-sistema ta' superviżjoni hija supplementata minn istituzzjoni makroprudenzjali ta' sorvjelanza ġdida, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

2. Is-Sistema Europea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Eurosistema

a. L-organizzazzjoni

Is-SEBĊ hija magħmula mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tal-UE (l-Artikolu 282(1) tat-TFUE u l-Artikolu 1 tal-Istatut). Din hija mmexxija mill-istess korpi bħal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għall-BĊE (l-Artikolu 282(2) tat-TFUE). L-Eurosistema tikkonsisti biss mill-BĊE u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.

b. Ir-rwol

Il-kompitu fundamentali tas-SEBĊ hu li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet (l-Artikolu 127(1) u l-Artikolu 282(2) tat-TFUE, l-Artikolu 2 tal-Istatut). Mingħajr preġudizzju għal dan l-oġġettiv, is-SEBĊ tappoġġa l-politiki ekonomiċi ġenerali biex tikkontribwixxi għat-twettiq tal-oġġettivi tal-Unjoni. Hija twettaq dan il-kompitu permezz tal-funzjonijiet li ġejjin (l-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut):

- tiddefinixxi u timplimentata l-politika monetarja tal-Unjoni;
- twettaq operazzjonijiet ta' kambju konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 219 tat-TFUE;
- iżżomm u tamministra r-riżervi barranin uffiċjali tal-Istati Membri;
- il-promozzjoni tal-ħidma bla ostakoli ta' sistemi ta' ħlas; u
- tikkontribwixxi għat-tmexxija bla ostakoli tal-politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti relatata mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabilità tas-sistema finanzjarja (l-Artikolu 127(5) tat-TFUE u l-Artikolu 3.3 tal-Istatut).

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

Dan huwa magħmul minn mhux aktar minn sitt membri, terz minnhom maħtura mill-Istati Membri, terz mill-Kummissjoni u t-terz l-ieħor mill-BĊE (l-Artikolu 134(2) tat-TFUE), u dmirijietu huma l-istess bħal dawk tal-Kumitat Monetarju, li huwa ssostitwixxa fl-1 ta' Jannar 1999, b'differenza waħda importanti: id-dmir li l-Kummissjoni u l-Kunsill jiġu notifikati dwar l-iżviluppi fis-sitwazzjoni monetarja issa huwa responsabilità tal-BĊE.

4. Il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (Ecofin)

L-ECOFIN, li fih jipparteċipaw il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri tal-UE, huwa l-korp li jieħu d-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew. Wara seduta ta' smiġħ mal-BĊE, b'konformità mal-għan tal-istabilità tal-prezzijiet, huwa jieħu deċiżjonijiet relatati mal-politika tar-rata tal-kambju tal-euro fil-konfront ta' muniti li mhumiex tal-UE.

5. Il-Grupp tal-Euro

Il-laqqgħa tal-Ministri tal-Ekonomija u tal-Finanzi taż-żona tal-euro, li qabel kienet magħrufa bħala l-"Euro-11", fl-1997 bidlet isimha għal "Grupp tal-Euro". Dan il-korp konsultattiv informali jiltaqa' b'mod regolari biex jiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-



funzjonament tajjeb taż-żona tal-euro u tal-UEM. Il-Kummissjoni u, fejn ikun neċessarju, il-BĊE huma mistednin jattendu dawn il-laqgħat (l-Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 14) tal-Grupp tal-Euro). Waqt il-konferenza informali tal-Ecofin li saret fl-10 ta' Settembru 2004 f'Scheveningen, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi tal-Lussemburgu, Jean-Claude Juncker, inġatar bħala l-President tal-Grupp tal-Euro. B'hekk huwa sar l-ewwel President elett permanenti tal-Grupp tal-Euro għal mandat li beda fl-1 ta' Jannar 2005. Ir-rwol tal-Grupp tal-Euro ssaħħaħ permezz tat-Trattat ta' Lisbona, bl-għan li jżied il-koordinament fiż-żona tal-euro. It-terminu "Grupp tal-Euro" jissema wkoll għall-ewwel darba f'dan it-Trattat (l-Artikolu 137 tat-TFUE). Fost l-innovazzjonijiet uffiċjali nsibu l-elezzjoni, b'maġġoranza tal-Istati Membri rrappreżentati fil-Grupp tal-Euro, ta' President tal-Grupp tal-Euro b'mandat ta' sentejn u nofs (l-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 14) tal-Grupp tal-Euro).

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

A. Rwol leġiżlattiv

1. Il-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja:

- jadottaw regoli dettaljati għall-proċeduri ta' sorveljanza multilaterali (l-Artikolu 121(6) tat-TFUE);
- jemendaw ċerti Artikoli tal-Istatut tal-BĊE (l-Artikolu 129(3) tat-TFUE); u
- jistabbilixxu l-miżuri neċessarji għall-użu tal-euro bħala munita unika (l-Artikolu 133 tat-TFUE)

2. Il-Parlament Ewropew huwa kkonsultat fuq il-kwestjonijiet li ġejjin:

- arranġamenti għall-introduzzjoni tal-muniti tal-euro min-naħa tal-Istati Membri (l-Artikolu 128(2) tat-TFUE);
- ftehimiet dwar ir-rati tal-kambju bejn l-euro u l-valuti li mhumiex tal-UE (l-Artikolu 219(1) tat-TFUE);
- l-għażla tal-pajjiżi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-introduzzjoni tal-munita unika fis-sena 1999 jew f'perjodu sussegwenti;
- in-nomina tal-President, il-Viċi President u Membri oħrajn tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE (l-Artikolu 283(2) u l-Artikolu 11.2 tal-Istatut tal-BĊE);
- kwalunkwe bidla fl-arranġamenti tal-votazzjoni fil-Kunsill Governattiv tal-BĊE (l-Artikolu 10.2 tal-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE);
- leġiżlazzjoni li timplimenta l-proċeduri f'każ ta' defiċit eċċessiv previsti fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
- kwalunkwe tibdil fil-poteri mogħtija lill-BĊE għas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra (l-Artikolu 127(6) tat-TFUE);
- bidliet għal ċerti Artikoli tal-Istatut tal-BĊE (l-Artikolu 129(4) tat-TFUE);



3. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat rigward id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (l-Artikolu 134(4) tat-TFUE).

B. Rwol ta' superviżjoni

1. Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Il-BĊE jindirizza rapport annwali dwar l-attivitajiet tas-SEBĊ u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena ta' qabel kif ukoll tas-sena korrenti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Kunsill Ewropew. Il-President tal-BĊE wara jrid jippreżenta dan ir-rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li jistgħu jkollhom dibattitu ġenerali fuq (l-Artikolu 284(3) tat-TFUE u l-Artikolu 15.3 tal-Istatut tal-BĊE). Il-President tal-BĊE u l-membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv jistgħu jiġu mismugħa fuq rikjesta tal-Parlament jew fuq inizjattiva tagħhom mill-kumitati rilevanti tal-Parlament (l-Artikolu 284(3) subparagrafu 2).

2. Inizjattiva tal-Parlament

Il-Parlament Ewropew appella biex is-setgħat estensivi li għandu l-BĊE previsti fit-Trattat – jiġifieri l-libertà li jiddeċiedi liema politiki monetarji għandhom jiġu segwiti – jiġu bbilanċjati minn responsabbiltà demokratika (Riżoluzzjoni tat-18 ta' Ġunju 1996). Għal dan l-għan ingħata bidu għal "Djalogu Monetarju". Il-President tal-BĊE jew Membru ieħor tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE jidher tal-anqas darba kull tliet xhur quddiem il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tal-Parlament, biex jirrispondi għal domandi dwar il-perspettiva ekonomika u jiġġustifika l-andament tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, il-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-rapport annwali tal-BĊE fil-kuntest ta' rapport ta' inizjattiva proprja fuq bażi regolari. FI-2013, il-Parlament u l-BĊE ikkonkludew ftehim interistituzzjonali dwar ir-responsabbiltà demokratika u s-sorveljanza tal-kompiti mogħtiji lill-BĊE fi ħdan il-qafas tal-MSU.

[Dražen Rakić / Dirk Verbeken](#)

01/2020

